**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Gunju, 2017

Rikors Nru : 74/17AL

AB
VS
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elf disa mija u erbgha u disghin (22/05/1994) u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom numru sitta, sebgha,hamsa -675/1994) hawn anness u mmarkat bhala Dok. AZ1.

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat in atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) hawn anness u mmarkat bhala Dok. AZ2;

Illi minn dan iz-zwieg taghhom kellhom zewg itfal, illi llum huma maggiorenni;

Illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba (4) snin;

Illi r-rikorrenti jiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretenzjonijiet reciproci dwar manteniment;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejnithom stante illi llum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata Graziella Ferrante, li permezz taghha eccepiet :

Illi kuntrarju ghal dak illi qiegħed jiddikjara fir-rikors ghall-ħall taż-żwieġ tiegħu, l-istess Anthony Zarb, rikorrent, għandu l-obbligu fuqu tal-ħlas ta' manteniment u dana kif jirriżulta mill-klawsola 6 tal-kuntratt ta' separazzjoni anness mar-rikors promutur.

Illi kwindi, m'huwiex minnu illi r-rikorrent m'huwa taħt l-ebda obbligu illi jivversa manteniment. Anzi, peress illi l-ulied tal-partijiet ghadhom it-tnejn that it-23 sena, allura huwa għadu taħt l-obbligu illi jħallas il-manteniment għall-istess ulied.

Illi l-esponenti, għall-fini ta' korrettezza, tinforma lil din l-Qorti illi l-istess rikorrent qieghed iħallas puntwalment il-manteniment dovut minnu.

Illi pero`, fi kwalunkwe każ, ir-rikors promutur ipperturba lill-esponenti stante illi hija ma tistax tifhem għalfejn l-istess rikorrent qieghed jiddikjara illi huwa ma għandu l-ebda obbligu ta' ħlas ta' manteniment. Fil-fatt, l-istess esponenti issaqsi jekk tabilħaqq, ir-rikorrent għandux l-idea illi ġjaladarba jinħall iż-żwieġ, l-obbligu tal-ħlas ta' manteniment jitwaqqaf. Illi ovvjament dan m'huwiex il-każ u dana jirriżulta bl-aktar mod ċar mill-kuntratt ta' separazzjoni (fil-klawsola 15 tieghu).

Fi kliem ieħor, l-esponenti qegħda issa tibża` illi jekk din l-Qorti takkolji t-talbiet tar-rikorrent għall-ħall taż-żwieġ, ir-rikorrenti jaħseb illi m'għadx għandu fuqu l-obbligu illi jħallas il-manteniment.

Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti topponi għad-dikjarazzjoni ta' ħall taż-żwieġ minn din l-Qorti.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Marzu, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet isseparaw legalment mill-14 ta' Frar, 2013;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.